# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 9 ta' Lulju, 2025

Avviz tat-Talba numru: 268/2024 CL

**National Insurance Brokers Limited** (C84564)

**VERSUS**

**HiRise Group** (C88009)

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-2 ta' Ottubru, 2024, fejn is-socjeta attrici talbet lit-Tribunal jordna u jikkundana lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' elfejn mija u ghaxar euro u tlieta u sebghin centezmu (€2110.73) jew somma verjuri bl-imghaxijiet u l-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta konvenuta. Is-socjeta attrici kienet provdiet is-servizzi taghha lis-socjeta konvenuta ghal-hrug ta' polza ta' assikurazzjoni flimkien ma servizzi ancillari kif jidher fl-istatement Dok A liema ammont baqa' ma thallasx.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2025, it-Tribunal kien innota li s-socjeta konvenuta kienet notifikata, izda la resqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha biex issehh kontestazzjoni tat-talba tas-socjeta attrici. Ghalhekk, is-socjeta konvenuta waqghet fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess udjenza tal-14 ta' Mejju 2025, gietipprezentata kapitoli fil-konfront tas-socjeta konvenuta u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-subizzjoni. Fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2025, xehed Mark Debono li huwa senior manager mas-socjeta attrici li ikkonferma li s-socjeta attrici kienet provdiet servizzi ta' assikurazzjoni lis-socjeta konvenuta bhala Business Control Policy u Risk Policy. L-ammont dovut skond Dok MD1 kien ta' €2110.73 liema ammont kien ghadu ma thallasx ghax kien ghamel il-verifici dakinhar stess.

Ikkunsidra;

Fil-kaz prezenti, is-socjeta konvenuta giet debitament notifikat bl-atti processwali. Minkejja tali notifika, il-konvenuta la resqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehret hi, jew xi rapprezentant legali taghha ghas-seduta li kienet tmiss wara tali notifika u ghalhekk il-konvenuta, kienet fi stat ta' kontumacja.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal ra' d-dokumenti li gew ipprezentant fosthom l-istatement u sema' x-xhieda ta' Mark Debono li ipprezenta l-istatement u ikkonferma li l-ammont kien ghadu kollu dovut. Il-konvenuta naqset milli tirregistra dehera biex twiegeb ghal kapitolu, ghalhekk fid- dawl ta' tali omissjoni flimkien mal-provi li gew ipprezentati l-istess kien jisthoqlu jigi emmnut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' elfejn mija u ghaxar euro u tlieta u sebghin centezmu (€2110.73) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-kawza, sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjari marbuta ma' dawn il-proceduri ghandhom jithalsu mis-socjeta konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**